**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 50

It-Tlieta, 21 ta' Ottubru, 2014

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREŻENTI**

Kienu preżenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, il-Viċi President, is- Sur Stefan Cordina, Sindku Ħ'Attard, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida; Is-Sinj. Rita Borg, Viċi Sindku B'Kara; is-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex, is-Sur Dominic Cassar, Kunsillier San Ġwann, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier tal-Gżira; is-Sur Anthony Chircop, Sindku tas-Sliema; is-Sur Stephen Gatt, Kunsillier ta' Ħal Balzan; is-Sur Stephen Sultana, Sindku ta' Santa Venera; u s-Sinjura Magda Magri Naudi, Sindku ta' Ħal Lija.

**SKUŻATI**

Is-Sur Anthony Dalli, Sindku ta' l-Iklin; u is-Sur Keith Tanti, Sindku tal-Pieta' kienu skużati.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 49 li saret nhar il-Ħamis, 18 ta' Settembru, 2014, kienu approvati unanimament.

## 2. KORRISPONDENZA

### *2.1 Secure Management Services Ltd.*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ressqet ittra mingħand il-kumpanija Secure Managaement Services Ltd. fejn kien qiegħed jintalab informazzjoni fuq is-sejħa pubblika għall-offerti għall-provista ta' Servizzi ta' Uffiċċjal Awtorizzat. F'din l-ittra l-kumpanija saqsiet jekk il-proċess ta' l-għażla ġiex konkluż u, jekk le, dwar meta hu previst li ssir l-għażla finali u l-assenjazzoni ta' dan il-kuntratt.

Is-Sinjura Galea qalet li meta saqsiet għal direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, id-Direttur, is-Sur Carmel Abela, permezz ta' e-mejl spjega li għal raġuni li fil-futur ser jinbeda l-proċess ta' riforma fil-qasam ta' l-infurzar lokali, il-Kumitati Reġjonali m'għandhomx jiffirmaw kuntratt ġdid jew jiġġedded xi kuntratt eżisitenti.

Ir-Reġjun qabel li l-kumpanija Secure Mangament Services Ltd. għandha tiġi notifikata b'din l-informazzjoni.

### *2.2 Iffilmjar Fl-Uffiċċju tat-Tribunal*

Is-Sinjura Galea ressqet ittra mingħand il-kumpanija 'Productions 26th Frame' fejn talbet biex jingħata permess sabiex jintuża l-uffiċċju tat-Tribunal biex jinġibdu xeni għal dramm lokali bl-isem 'It-Tfal' li jintwera kull nhar ta' Ħadd fit-20:30.

Ir-Reġjun qabel li dawn jistaw jagħmlu użu minn dan l-uffiċċju u għandhom jiġu kkuntatjati biex jaraw li jkun hemm persuna mill-uffiċċju magħhom sakemm dawn ikunu hemm.

## 3. ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Sephen Sultana, staqsa jekk il-punt li ressaq is-Sur Maximillian, is-Sindku ta' Ta' Xbiex, kienx ġie innotat fil-minuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet irrispondiet lis-Sur Zammit u żiedet il-punt tiegħu fil-minuti.

## 4. AFFARIJIET OĦRA

### *4.1 Logo tar-Reġjun*

Il-President is-Sur Peter Bonello nforma lir-Reġjun li l-logo ġdid għar-Reġjun Ċentru ġie kkonfermat fl-Avviz Legali Nru. 364 tal-2014 li kienet ippublikata nhar it-Tlieta 7 t'Ottubru 2014. Dan il-logo diġa beda jintuża fil-korrispondenza tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni hemm bżonn li nordnaw plakka bix titwaħħal mal-faċċata ta' l-uffiċċju ta' San Ġwann.

Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, propona li din għandha ssir bil-kulur fuq il-perspex trasparenti. Issuġġerixxa li Horace Enterprises joffri dan is-servizz.

### *4.2 BOV Deposit Slips*

Il-President, is-Sur Peter Bonello spjega li għandu bżonn jinbidel l-indirizz postali li hemm fuq il-BOV Deposit Slips sabiex l-indirizz jinqaleb mill-Kunsill Lokali ta' l-Imsida għall-uffiċċju ta' San Ġwann. Ir-Regjun qabel dwar dan.

### *4.3 BOV Night Safe*

IL-President, is-Sur Peter Bonello spjega li hemm bżonn li napplikaw għall-użu tan-*night safe* u għal din ir-raġuni hemm bżonn li tinxtara ċavetta li tiswa €15.00 u jinxtraw il-boroz li jiswew €0.15c kull basket. Ir-Regjun qabel dwar dan.

Is-Sur Stephen Sultana staqsa jekk il-Kunsilli l-oħra għandhomx xi kuntratt ma' kumpanija tas-sigurta sabiex dawn il-pagamenti jittieħdu fil-banek.

Is-Sindki preżenti spjegaw li hemm minnhom li jibgħatu mpjegat sabiex dawn il-pagamenti jiġu depożitati filwaqt li kien hemm uħud li spjegaw li għandhom kuntratt ma' kumpaniji sabiex isir dan ix-xogħol.

Is-Sur Bonello spjega li għandha tintbagħat e-mejl lill-Kunsilli Lokali li jaqaw taħt dan ir-Reġjun sabiex tinġbar l-informazzjoni neċċessarja ħalli s-sistema tiġi adottata minn kulħadd u tkun waħda uniformi bejn il-Kunsilli kollha.

### *4.4 Manutenzjoni tal-Ġnien*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li l-mauntenzjoni tal-ġnien ta' l-uffiċċju ta' San Ġwann għandu jibda jitħallas mir-Reġjun –inkluż is-servizz tal-*water bowser* li jsir darba fix-xhar fix-xitwa u skont kif ikun meħtieġ fix-xhur tas-sajf.

### *4.5 Hot & Cold Water Dispenser*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lir-Reġjun li għandu bżonn jinxtara 'Hot & Cold Water Dispenser' għall-uffiċċju tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjonijiet u ġie rrakomandat li dan għandu jinxtara mill-H2Only.

### *4.6 Impjieg ta' 'Accounts Officer'*

Is-Sur Peter Bonello aġġorna lir-Reġjun fuq l-impjieg ta' 'Accounts Officer'. L-ETC infurmawna li l-lista tal-kanditati setat tiġi provudta u peress li mis-sejħa nterna ma kien applika ħadd, ir-Reġjun seta' jkompli bil-proċess – dik li jilqa' l-applikazzjonijiet mill-ETC. L-Applikazzjonijiet għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2014.

Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-membri tal-Bord sabiex tintagħżel data u ħin sabiex ikunu jistaw isiru dawn l-intervisti.

### *4.7 Ħlasijiet tas-CCTV*

Il-President informa lir-Reġjun li nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru 2014 saret laqgħa bejn il-President Peter Bonello, s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, u s-Sur David Soler, l-Uffiċċjal Awtorizzat flimkien mas-Sur Kenneth De Martino u s-Sur Julian Dimech mill-Guard and Warden Service House Ltd., fuq il-pagamenti tas-CCTVs.

F'din il-laqgħa s-Sur De Martino ppropona li għandu jingħata 10% tnaqqis fuq il-kontijiet tas-CCTVs minn Jannar 2015 'l quddiem.

Il-Pagamenti tas-CCTVs ta' minn Mejju 2014 li għadhom pendenti, għandhom jinħarġu. F'Din l-iskeda tal-pagamenti hemm inkluż l-pagamenti ta' Mejju u Ġunju 2014.

Is-Sur Stephen Sultana staqsa jekk ir-Reġjun jistax jitlob li jkun hemm tnaqqis ta 5% u li da nil-persentaġġ jingħata *backdated* sa l-aħħar ta' din is-sena.

Is-Sur Peter Bonello qal li għandha tintbagħat e-mejl lis-Sur De Martino bit-talba ta' dan ir-Reġjun.

### *4.8 Użu ta' l-Uffiċċju*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri tal-Kumitat li l-Uffiċċjal Awtoriżżat, is-Sur David Soler, ser jibqa jagħmel użu mill-uffiċċju tiegħu fil-post ta' San Ġwann.

### *4.9 Għamara fl-Uffiċċju tar-Reġjun*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li hemm bzonn li jkun hemm *reception desk* sabiex n-nies li jiġu fl-uffiċċju ma jibqawx deħlin sa' l-imwejjed ta' l-iskrivani.

Hemm bżonn li jinxtraw siġġijiet għall-uffiċċju tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni s-Segretarju ressqet kwotazzjonijiet. Ir-Reġjun qabel dwar dan.

Is-Sur Peter Bonello spjega li skond parir ta' electrician li għamel inspection on site, jirriżulta li hemm il-ħtieġa biex jinbidlu l-air conditioners fl-uffiċċini li hemm fis-sular ta' fuq.

Għal din ir-raġuni, l-membri tal-Kumitat approvaw x-xiri ta' dawn l-airconditoners u għalhekk għandhom jinġiebu kwotazzonijiet neċessarji biex titieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

***4.10 Kors ta' Diploma fil-'Public Management and Governance at Local Level'***

Is-Sur Bonello nforma lir-Reġjun li s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qiegħda t'attendi għal-kors obbligatorju ta' 'Diploma in Public Management and Governance at Local Level' li ħa jkun mifrux fuq sitt xhur, sa Marzu 2015.

***4.11 Eco-Wardens***

Is-Sinjura Rita Borg, Viċi Sindku ta' B'Kara, indirizzat lill-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, fuq il-problema li għandhom bil-gwardjani u fuq id-differenza fil-ħlas tal-Gardjani Lokali.

Is-Sur David Soler spjega li kien diġa tkellem mas-Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Joanna Debono Grech, u jekk ikun meħtieġ isir laqgħa ta' kjarifika.

***4.12 Clamping tal-Vetturi***

Is-Sur Joe Camilleri staqsa lir-Reġjun jekk hux possibli li jibda jsir *clamping* speċjalment minħabba l-vetturi mikrija lit-turisti.

Is-Sur Bonello spjega li l-ewwel wieħed irid jara x'hemm miktub fil-kuntratt preżenti li hemm mal-Guard & Warden Service House Ltd. U nimxu minn hemm.

Is-Sur Maximillian Zammit qal li f'waħda mill-laqgħat kien ġie diskuss li t-*towing* isir bħala Reġjun b'kuntrattur wieħed.

Is-Sur Bonello spjega li l-problema bit-*towing* hija li l-Pulizija m'għandhomx post fejn iżommu dawn il-vetturi.

Is-Sur Anthony Chircop spjega kif darba kienet saret laqgħa fejn hu kien ġab il-proċedura kollha.

Ir-Reġjun qabel li għandhom jistiednu lis-Supretendent tat-traffiku, is-Sur Mario Tonna, u rappreżentant mit-Transport Malta fil-laqgħa li ġejja sabiex dawn il-punti jiġu diskussi aħjar magħhom.

***4.13 Permessi***

Is-Sur Stephen Sultana tkellem fuq il-problema li għandu l-Kunsill tiegħu rigward il-*containers* li qed jagħmlu ħsara lill-infrastruttura tat-toroq u saħansitra jokkupaw parkeġġ u jiżgumbraw it-toroq. Dawn il-Kuntraturi qedin jibgħatu e-mejl diretta lis-Supretendent mingħajr ma' l-Kunsill ikun infurmat.

Is-Sur Bonello spjega lis-Sur Sultana li jekk hemm xi ksur tal-liġi, dan għandhu jkun irrappurtat lill-Pulizija. Dan il-punt għandhu jkun diskuss waqt il-laqgha mas-Supretendent Tonna.

### *4.14 Problema biż-Żnażar Perikoluz*

Is-Sur Maximillian Zammit tkellem fuq il-problema li għandu fil-lokalita' tiegħu minħabba żnażar perikoluz u staqsa jekk lokalitijiet oħra għandhomx din il-problema u x'kienu għamlu dwar dan.

Is-Sur Anthony Chircop qal li f'dawn il-kazijiet il-Kunsill ikollu jqabbad kuntrattur privat.

### *4.15 Ostakolazzoni fil-Bankini*

Is-Sur Stefan Cordina ressaq il-problema li għandu bil-weraq tas-siġar tar-residenti li jibqaw ħerġin fuq il-bankini u jkunu ta' ostakolazzjoni.

Is-Sur Stephen Gatt qal li l-Kunsill ta' Ħal Balzan jibgħatu ittra lir-resident konċernat fejn jinfurmawh li għandhu għaxart ijiem sabiex jiżbor is-sigra. Din l-ittra tintbagħat lir-resident tliet darbiet. Jekk ir-resident jibqa' ma jieħux azzjoni, il-Kunsill jagħmel rapport lill-Pulizija.

### *4.16 Post perikoluz f'Ta' Xbiex*

Is-Sur Joe Camilleri xtaq jiġbed l-attenzjoni tar-Reġjun fuq post partikolari ġewwa Ta' Xbiex fejn qed ikun hemm ħafna siringi u staqsa jekk għal din il-problema r-Reġjun jistax jgħin billi jsir xi tip ta' monitoraġġ fuq il-post.

Is-Sur Bonello spjega li jekk isiru cameras ta' sigurta' f'dawn l-inħawi ma jgħinx peress li xorta ser ikun hemm problema biex wieħed jiskopri l-persuna min hu, speċjalment meta fid-dlam l-uċuħ ma jidrux ċari.

### *4.17 Qada Finanzjarja tar-Reġjun*

Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, staqsiet dwar il-pozzizzjoni finanzjarja tar-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-pagamenti qed jiġu aġġornati u l-Accountant ġie mitlub jipprepara r-raport ta' kull tliet xhur sabiex dan jitressaq fil-laqgħa tar-Reġjun hekk kif ikun lest.

### *4.18 Fondi mill-Unjoni Ewropea*

Is-Sur Maximillian Zammit spjega li ser ikun hemm opportunita' sabiex il-Kunsilli Lokali japplikaw għal fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jitranġaw dawk it-toroq biex ittejbu l-konnessjoni bejn il-portijiet u l-ajruporti.

Għal din ir-raġuni, is-Sur Zammit għandhu jibgħat d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tistħarreġ għal aktar informazzjoni.

**5. MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**6. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fuq l-iskeda tal-pagamenti Nru. 49 Il- mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**7. TMIEM**

Fis-6.35pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru, 2014 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President